**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 25 ta' Lulju 2018**

**APPELL MINN DECIZJONI TAL-KUMMISSARJU GHALL-GUSTIZZJA (TRIBUNAL REGJONALI NOFSINHAR) FL-ISMIJIET 'REGJUN NOFSINHAR VS SANDRO HILI' (ID 91674(M))**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat Sandro Hili, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 91674(M) akkuzat quddiem il-Kummissarju ghall-Gustizzja (fit-Tribunal Lokali Nofsinhar) talli:

Fl-4 ta' Mejju 2015 u fix-xahar ta' qabel, fil-Marsa u/jew fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu d-droga heroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta, kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta (fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-decizjoni tal-Kummissjaru ghall-Gustizzja (Tribunal Regjunali Nofsinhar) tad-29 ta' Jannar 2016, li permezz taghha t-Tribunal illibera l-appellat minn din l-imputazzjoni – fil-waqt illi a fol. 5 tal-process bl-intestatura 'Kopja Informali tas-Sentenza' hemm indikat illi l-imputat ma kienx qed jinstab hati tal-imputazzjoni de quo u ghalhekk gie lliberat minnha, a fol. 6 tal-process, gie indikat illi "*It-Tribunal jillibera lill-imputat mill-akkuza - multa assorbita ma' akkuza simili - kontravvenzjoni numru 451-00246-3, numru tal-kaz 36*";

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija,ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Frar 2016, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tibdel il-piena erogata fir-rigward ta' din l-imputazzjoni ma' wahda konsona mad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat illi l-aggravju tal-appellant Kummissarju tal-Pulizija huwa s-segwenti u cioe`:-

Illi fis-seduta tat-Tribunal tad-Droga, datata 29 ta' Jannar 2016, li kienet tikkoncerna akkuzi li jemanaw mill-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellat ammetta l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u fil-waqt illi nghata penali ta' €75 rigward pussess ta' kokaina, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni rigwardanti abbuz ta' eroina taht l-istess parametri tal-ligi, minkejja l-ammissjoni tieghu, din giet assorbita fl-ewwel imputazzjoni u dan ghar-raguni li l-imputat kien qieghed isegwi programm ta' rijabilitazzjoni. Fid-dawl ta' dan, is-sentenza rigward it-tieni imputazzjoni turi liberatorja.

Illi mid-dicitura tal-istess Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta ma johrog bl-ebda mod illi l-Kummissarju ghall-Gustizzja ghandu l-poter li jaghmel dan, peress illi hawn l-istess gudikant irid japplika ligi specifika li tikkontempla biss liberatorja, penali jew ordni ta' rijabilitazzjoni fost ohrajn. Akkuza ma tistax tigi assorbita f'akkuza ohra *sic et sempliciter* u ghaldaqtant l-appellant jikkontendi illi l-gudikant f'dan il-kaz, ghamel enunzjazzjoni zbaljata tal-parametri penali li l-ligi tippermetti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan huwa appell interpost mill-Kummissarju tal-Pulizija b'aggravju marbut mal-piena erogata mill-Kummissarju ghall-Gustizzja (Tribunal Regjonali

Nofsinhar) fir-rigward ta' imputazzjoni dwar pussess semplici tad-droga eroina, fejn skont l-appellant, minkejja l-ammissjoni tal-imputat, illum appellat, l-istess Kummissarju ghall-Gustizzja ghaddiet sabiex tilliberah u fl-istess waqt assorbiet din l-imputazzjoni f'imputazzjoni simili, deciza fl-istess jum. Ghalhekk l-appellant qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tibdel il-piena erogata.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi ghalkemm kemm mir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll mill-atti jirrizulta illi l-appellat kien gie akkuzat kemm bil-pussess semplici tad-droga kokaina, kif ukoll bil-pussess semplici tal-eroina u dan b'referenza ghall-istess perjodu ta' zmien, biss jidher illi dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew trattati separatament b'tali mod li huwa gie mharrek b'zewg tahrikiet separati (li jgibu 'numru tal-kontravvenzjoni' differenti) u li t-Tribunal, kif kompost mill-Kummissarju ghall-Gustizja, ghadda biex jeroga decizjoni separata fir-rigward ta' kull imputazzjoni. Kif inghad l-aggravju tal-appellant jikkoncerna biss id-decizjoni li nghatat fir-rigward tal-imputazzjoni ta' pussess semplici tad-droga eroina.

Fil-fatt mill-atti jidher ukoll, ghalkemm m'hemmx vera kopja ta' din is-sentenza izda biss kopja informali, illi fid-29 ta' Jannar 2016, l-imputat instab hati tal-pussess tad-droga kokaina u f'dan ir-rigward inghata piena ta' multa (dejjem skont l-atti) ta' €75 u ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kap. 291, gie ordnat li f'kaz li l-imputat ma jhallasx l-ammenda fi zmien xahar mid-data tas-sentenza, ghandha tithallas penali addizzjonali ta' €11.65.[1]

Kif inghad diga`, fir-rigward tal-imputazzjoni separata ta' pussess semplici tad-droga eroina, permezz ta' sentenza moghtija fl-istess data mill-istess Tribunal "*It-Tribunal jillibera lill-imputat mill-akkuza - multa assorbita ma' akkuza simili – kontravenzjoni numru 451-00246-3 – numru tal-kaz 36 (kopja annessa)*". Jirrizulta wkoll mill-atti illi dan l-ahhar kaz li ghalih saret referenza huwa proprju l-kaz dwar il-pussess semplici tad-droga kokaina, deciz fl-istess jum, b'dan ghalhekk illi t-Tribunal effettivament iddecieda illi jassorbi r-reat (u l-penali) applikabbli fit-tieni kaz dwar il-pussess tal-eroina (f'kaz ta' htija), fir-reat li dwaru l-istess appellat instab hati fl-ewwel kaz, ossia l-pussess tal-kokaina. Il-verbal dwar it-tieni kaz dwar il-pussess tal-eroina wkoll jindika illi l-imputat gie illiberat minn din l-imputazzjoni, fil-waqt illi l-verbal dwar l-ewwel kaz jindika li l-imputat irregistra ammissjoni, is-sejbien tal-htija u l-piena.

[1] Ara a fol. 3 tal-process.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-Artikolu 11 tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

"*(1) Kull persuna li thossha aggravata bid-decizjoni tal-Kummissarju tista', fi zmien tletin gurnata mill-jum li fih tinghata dik id-decizjoni, taghmel rikors lill-Qorti tal-Magistrati sabiex id-decizjoni tal-Kummissarju tigi* <u>*revokata jew mibdula*</u>*, u l-imsemmija qorti tkun minn dak il-hin vestita b'gurisdizzjoni li tiddeciedi dwar il-meriti tar-rikors.* (sottolinear tal-Qorti)

*(2) Sabiex tezercita l-funzjonijiet taghha taht dan l-artikolu, il-Qorti tal-Magistrati ghandha tipprocedi skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali.*"

Issa f'dan il-kaz, m'hemmx dubju illi d-decizjoni impunjata hija wahda ferm kontradittorja u fiha kontrosens legali kbir, stante li l-appellat gie lliberat, izda fl-istess hin il-piena applikabbli, f'kaz ta' htija, ghal dak ir-reat li dwaru gie lliberat, giet assorbita f'piena ohra moghtija dwar kaz separat li fih instab hati. Fit-termini tal-Artikolu 10 tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju jista' jillibera lill-persuna imputata quddiemu jew altrimenti jsib htija u f'dan l-ahhar kaz, japplika l-piena applikabbli ghar-reat. F'dan il-kaz, il-Kummissarju sedenti fit-Tribunal kellu jew jillibera lill-appellat u jieqaf hemm, jew inkella jsib htija u jaghti piena. Is-sentenza erogata madankollu tiddikjara lill-appellat mhux hati (ghaliex gie illiberat) u fl-istess hin tghid illi l-piena hija assorbita f'reat iehor f'kaz separat.

Fit-trattazzjoni taghha, id-difiza tissottometti illi l-appellat gie dikjarat mhux hati u li ghaldaqstant, m'hemmx lok ghat-talba tal-appellant sabiex tigi riformata jew mibdula l-piena inflitta. Dwar dan il-punt, l-appellat ghandu ragun. It-talba fir-rikors tal-appellant, fl-ewwel lok, ma kellhiex tkun ghar-riforma tal-piena inflitta, izda ghar-revoka tad-decizjoni impunjata fejn din illiberat lill-appellat qua imputat. Din il-Qorti kellha tigi mitluba sabiex thassar id-decizjoni appellata fejn din sabet lill-imputat mhux hati, sabiex semmai sussegwentement tkun tista' tigi imposta piena idonea skont il-ligi.

Kif dispost fl-Artikolu 11(2) tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq citat, din il-Qorti ghandha timxi mad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali meta tigi biex tassumi l-funzjonijiet taghha f'din l-istanza u ghaldaqstant, ghandha wkoll tqis id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 419(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li jelenka x'ghandu jkun fih rikors ta' appell. Tajjeb jinghad illi bis-sahha tal-Att I tas-sena 2018, saru emendi f'dan l-artikolu tal-ligi, biex b'hekk mankanza f'xi wiehed mir-

rekwiziti mehtiega mil-ligi dwar il-kontenut tar-rikors ta' appell, m'ghadhiex iggib maghha l-piena tan-nullita` tal-istess rikors. Fil-fatt dan l-artikolu illum jghid hekk:

*"(1) Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih –*

*(a) Il-fatti fil-qosor;*

*(b) Ir-ragunijiet tal-appell;*

*(c) It-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri."*

Huwa evidenti illi l-hsieb tal-legislatur wara din l-emenda ricenti fil-ligi kienet illi jigi eliminat il-formalizmu rigoruz li jista' wkoll ikollu konsegwenzi tassew serji. Ghalhekk illum il-Qorti ma tistax tiddikjara rikors tal-appell null fejn per ezempju, it-talba tal-parti kellha tkun ghat-thassir u mhux ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri, bhal ma huwa l-kaz odjern. F'dan il-kaz, kif inghad, it-talba tal-appellant Kummissarju tal-Pulizija kellha tkun talba ghat-thassir tas-sentenza u mhux sempliciment talba ghar-riforma tal-piena. Biss jidher car mir-rikors tal-appellant illi l-bazi tal-aggravju tieghu huwa fl-ewwel lok illi d-decizjoni tat-Tribunal turi liberatorja, meta skont l-appellant, l-imputazzjoni kienet tirrizulta ppruvata u illi l-istess Tribunal fl-istess waqt illi ddikjara illi l-imputat kien qed jigi lliberat, ghadda biex jiddikjara l-piena applikabbli ghal dan ir-reat bhala assorbita f'reat iehor f'kaz separat, b'mod ghalhekk illi fl-istess waqt, id-decizjoni kienet tindika htija. Per konsegwenza talab illi l-piena erogata tigi mibdula f'wahda konsona mal-ligi.

Mill-atti jirrizulta illi matul id-dehra quddiem it-Tribunal, giet esebita l-istqarrija tal-imputat (illum appellat), kif ukoll id-dikjarazzjoni tieghu li kien qieghed jirrifjuta li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu, u giet esebita wkoll dik li giet deskritta bhala droga. L-istqarrija tal-appellat u d-dikjarazzjoni tieghu fil-fatt jinsabu fl-atti. Fl-istqarrija tieghu, huwa jikkonferma illi fil-lejl in kwistjoni huwa gie arrestat fi Triq it-Tigrija, l-Marsa wara li fil-pussess tieghu nstabu s-sustanzi li gie muri dak il-hin, jghid illi dawn kienu tieghu u ghall-uzu personali tieghu, kif ukoll illi dawn kienu jikkonsistu f'kokaina u eroina. Ikkonferma wkoll illi bhala piz, kien hemm 0.248 grammi eroina.

Ghaldaqstant, l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellat kellha tirrizulta sodisfacentement ippruvata u t-Tribunal kien zbaljat meta ddikjara lill-istess appellat mhux hati ta' din l-istess imputazzjoni.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni illi mill-atti jirrizulta illi l-appellat, fiz-zmien tal-kaz, kien qed jerga' jottjeni ghajnuna kontra l-vizzju tad-droga u effettivament kien dan li wassal lit-Tribunal ghad-decizjoni (zbaljata) tieghu. Ghaldaqstant jidhrilha illi piena fil-minimu tkun wahda idonea.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed tilqa' l-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija, thassar is-sentenza appellata fl-intier taghha, tiddikjara lill-appellat Sandro Hili hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-penali ta' hamsa u sebghin ewro (€75). Tordna li f'kaz li l-appellat ma jhallasx din is-somma fi zmien xahar mil-lum, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax il-ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

Natasha Galea Sciberras
Magistrat